27 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Busuttil *versus* Joseph Camilleri

## Danni — Mandat ta' Elevazzjoni — Interessi — "Damnum Emergens" u "Lucrum Cessans" — Prova — Art. 1090 u 1183 tal-Kodiċi Ċivili

*Il-liġi tiddisponi illi min jikkaġuna ħsara lil ħadd ieħor konsistenti filli jtellfu l-użu ta' flusu, dik il-ħsara tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet, li jitqiesu bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena; b'dan illi, jekk l-egħmil ta' min ikkaġuna dik il-ħsara jkun doluż, dawk l-imgħaxijiet jitqiesu bir-rata ta' sitta fil-mija. Għaldaqstant, jekk wieħed jottjeni l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid kontra pretiż debitur tiegħu dolożament, u l-eżekutat minħabba dak il-mandat jiddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti s-somma dedotta fil-mandat, u b'hekk jitlef l-użu tal-flus hekk depożitati, l-imgħaxijiet jitqiesu bis-sitta fil-mija. B'dan kollu, però, l-eżekutat jibqa' dejjem fl-obligu li jipprova d-danni skond il-prinċipji ġenerali, li ma jiddistingwux f'dan ir-rigward bejn id-"damnum emergens" u l-"lucrum cessans"; jiġifieri illi l-eżekutat jibqa' dejjem obligat jipprova li hu effettivament tilef dawk l-imgħaxijiet sew għax dawk il-flus kienu depożitati b'mod fruttiferu, sew għax tilef l-opportunità li jislef jew jinnegozja dawk il-flus. U jekk dik il-prova ma ssirx, it-talba għad-danni ma tirnexxix; għax il-konvenut, għad li jkun ġenerikament responsabbli tad-danni, mhux tenut jirrifondi dik il-ħsara li ma ġietx pruvata.*

*Huwa veru illi l-liġi wkoll tiddispensa lill-kreditur mill-prova tat-telf, trattandosi ta' dewmien fl-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni ta' flus; iżda din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għall-każ simili, billi tikkontempla biss l-interessi moratorji, dovuti ċjoè għall-każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, mentri f'każ simili si tratta minn interessi kompensattivi; u billi din hija dispożizzjoni ta' natura eċċezzjonali, għax tidderoga għar-regola ġenerali tal-prova tad-danni, ma tistgħax tiġi*

*estiża u applikata għal każ ġuridikament divers, li għalhekk jibqa' regolat mill-prinċipji ġenerali f'materja ta' prova.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza ta' dil-Qorti tad-29 ta' Mejju 1953, il-konvenut (flimkien ma' Carmelo Sammut) ġie dikjarat responsabbli favur l-attur għad-danni kaġunati minħabba d-dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol tas-soqfa u minħabba l-eżekuzzjoni ħażina tal-istess xogħol; u illi l-konvenut kien ottjena kontra l-attur mandat kawtelatorju ta' qbid għal £108, li l-konvenut allega li kienu dovuti lilu mill-attur għall-kumpens tax-xogħol fuq imsemmi, u in eżekuzzjoni ta' dan il-mandat l-esponent kellu jiddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina s-somma ta' £110.13.11 fl-20 ta' Frar 1952; u illi b'sentenza tal-istess Qorti tal-Kummerċ tat-18 ta' Frar 1954 il-kreditu tal-konvenut ġie dikjarat li kien biss £3.19.7½; u illi għalhekk l-attur sofra danni minħabba li għal aktar minn sentejn kellu jħalli fir-Reġistru tal-Qorti tal-Kummerċ l-imsemmi ammont ta' £110.13.10 infruttiferu; talab (1) li jiġu likwidati d-danni dovuti mill-konvenut lill-attur minħabba x-xogħol ħażin għat-termini tal-imsemmija sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Mejju 1953; (2) li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli lejn l-attur tad-danni minħabba li huwa ottjena kontra l-attur il-mandat kawtelatorju ta' qbid fuq imsemmi tad-9 ta' Frar 1952, meta l-pretensjoni tal-konvenut irriżultat infondata fid-dritt u fil-fatt; (3) li jiġu likwidati d-danni msemmija fit-tieni domanda; (4) u li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza, id-danni li jiġu hekk likwidati skond l-ewwel u t-tielet domanda. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, wasal għall-konklużjoni illi (a) id-danni sopportabbli mill-konvenut għat-telf ta' kera soffert mill-attur jammontaw għal

£28.6.8, u (b) l-konvenut huwa responsabbli lejn l-attur għall-ħsara konsistenti fil-privazzjoni tal-użu ta' £75.12.0 għall-perijodu mill-5 ta' April 1952 sat-13 ta' Marzu 1954, liema ħsara għandha tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet relattivi bir-rata tas-6% fis-sena li, kalkulati fuq is-somma u għall-perijodu fuq indikati, iġibu £8.15.5;

*Omissis;*

Illi, rigward il-"quantum" tad-danni konsistenti fit-telf ta' kera, ma saret ebda kontestazzjoni, u l-Qorti ma ssibx motiv biex ma tadottax il-likwidazzjoni magħmula mill-perit legali;

Illi, rigward id-danni derivanti mill-mandat kawtelatorju ta' qbid ottenut mill-konvenut, nru. 75 tal-1952, l-attur fin-nota tiegħu fol. 29 ikkritika r-relazzjoni peritali, sew rigward l-ammont li fuqu kellhom jiddekorru l-imgħax, sew rigward il-perijodu li għalieħ ġew kalkulati;

Illi l-perit ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni fuq riferita fuq il-bażi tal-art. 1090 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi "il-ħsara li tikkonsisti filli ttellef lill-persuna l-użu tal-flus tagħha tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet, li jitqiesu bil-ħamsa fil-mija (5%) fis-sena; iżda jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsara tkun għamlet dan dolożament l-imgħaxijiet jitqiesu bis-sitta fil-mija (6%) fis-sena". Issa, jekk bħal ma qal il-perit, il-konvenut, minħabba l-għemil doluż tiegħu, huwa responsabbli tad-danni lejn l-attur, konsistenti f'dan il-każ fl-imgħax tal-flus depożitati l-Qorti in konsegwenza tal-mandat fuq imsemmi, l-attur jibqa' dejjem obligat li jagħmel il-prova ta' dawn id-danni, skond il-prinċipji ġenerali (li ma jagħmlux distinzjoni f'dan ir-rigward bejn id-"damnum emergens" u l-"lucrum cessans"), jiġifieri jipprova illi huwa tilef, fil-fatt, dawk l-imgħax; sew għax dawk il-flus kienu depożitati b'mod fruttiferu, sew għax tilef l-opportunità li jislef jew li jinnegozja dawk il-flus. Iżda din il-prova ma saretx; u għalhekk, għad li l-konvenut huwa res-

ponsabbli ġenerikament għall-ħsara, mhux tenut jirrifondi dik il-ħsara li ma ġietx pruvata (ara każ analogu riportat fil-Kollez. Volum XXIV-I-1032);

Illi huwa veru li l-art. 1183 (Kod. Ċiv.) jiddispensa lill-kreditur mill-prova tat-telf, trattandosi ta' dewmien fl-adempiment ta' obligazzjoni ta' flus; iżda din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għall-każ tagħna, billi tikkontempla biss l-interessi moratorji, dovuti ċjoè għall-każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, mentri fil-każ tagħna si tratta minn interessi kompensattivi; u billi din hi dispożizzjoni ta' natura eċċezzjonali, peress li tidderoga għar-regola ġenerali tal-prova tad-danni, ma tistgħax tiġi estiża u applikata għal każ ġuridikament divers, li għalhekk jibqa' regolat mill-prinċipji ġenerali f'materja ta' prova;

Illi, konsegwentement, għad li l-konvenut hu responsabbli tal-konsegwenzi tal-mandat inġustament ottenut kontra l-attur, dan però mhux intitolat għad-danni, peress li ma ġiebx il-prova tagħhom skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur, billi tillikwida d-danni hemm mitluba fis-somma ta' £28.6.8;

Tilqa' t-tieni talba;

Tiċħad it-tielet talba;

U tilqa' r-raba talba fis-sens li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma fuq likwidata ta' £28.6.8, u tirrespinġiha għall-kumplament;

L-ispejjeż jibqgħu għall-konvenut, barra dawk relattivi għar-raba' talba, li għandhom jitħallsu bin-nofs, u dawk relattivi għat-tielet talba, li għandu jbatihom l-attur.